MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2009

Numru 1276/2006

**Il-Pulizija**
**Sp Ramon Mercieca**
**vs**
**Mark Briffa**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Mark Briffa ta’ 39 sena iben Joseph u Doris nee’ Spiteri mwieled Pieta fil-25 ta’ April 1967 u residenti 31 ‘Tescar’ Triq il-Papa Gwanni XXIII B’Kara, ID 201567M.**

**Akkuzat talli ghall-habta ta’ xi 18.00hrs ta’ nhar il-15 ta’ Novembru 2006 gewwa B’Kara**

**(a) permezz ta’ xi arma, strument jew ghodda ohra, regolari jew irregolari, inkella bi strument li jaqta’ jew iniggez, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe ofica ta’ natura hafifa fuq Reno Gilford mill-Kalkara u**

**dan skond ma gie ccertifikat mill-Isptar San Luqa minn Dr Andrew Mallia Med Reg 2451 u dan bi ksur ta' l-Artikolu 64 u 221 (2) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**
**(b) U iktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' l-ARtikolu 338(dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat fis-seduta ta' llum 30 ta' Settembru 2009, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin bizzejjed biex jahsibha.**

**Ghaldaqstant dawn iz-zewg imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 64, 221 (ii) u 338(dd) tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrieh izda flok tikkundannah dwar l-ewwel imputazzjoni qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien tliet snin millum. Dwar it-tieni imputazzjoni qed tikkundannah ihallas ammenda ta' 58.33 Euro. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.**

**Ai fini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap 9 l-imputat qed jobbliga ruhu li ghal zmien sena millum ma jersaqx lejn Reno Gilford that penali ta' 234 Euro.**

**Il-Qorti qed tordna wkoll il-konfiska ta' l-armi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------